## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **256/2023 AD**

## BANK OF VALLETTA P.L.C. (C 2833)

**VS**

## JOSETTE DARMANIN (KI 531672M)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, disgħa (9) ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' debitu dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimata fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u ċenteżmu (€ 98,465.01), u imgħax ulterjuri.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-erbatax (14) ta' Marzu 2023, Johanna Bartolo, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti **Bank of Valletta p.l.c.** ikkonfermat is-segwenti bil-ġurament tagħha:

   a. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti, wieħed minnhom magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datat 5 ta' Settembru 2000 (Dok "A") u ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech datat 12 ta' Ġunju 2014 (Dok "B"), kif ukoll f'tlett skritturi privati datati 15 ta' April 2014 (Dok "C"), 18 ta' Mejju 2020 (Dok "D") u 1 ta' Lulju 2020 (Dok "E"), is-soċjeta' attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Josette Darmanin;*

   b. *Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuta Josette Darmanin fis-somma ta' tmienja u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u ċenteżmu (€ 98,465.01) bilanċ għad-debitu fil-"Home Loans, Credit Card Loan u Overdraft Accounts" ta' Josette Darmanin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1 sa F13", Dok "G1 sa G12", Dok "H1 sa H4", Dok "I" u Dok "J"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2023 sad-data tal-effettiv pagament;*

   c. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A" sa "E"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josette Darmanin: (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati; (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati; u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Josette Darmanin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilta' ta' ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi;*

   d. *Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

   e. *Illi l-konvenuta Josette Darmanin ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 ta' Diċembru 2022, li kopja tagħha qed tiġi hawn*

*eżibita u immarkata Dok "K" sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda hija baqgħet inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant il-Bank rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A" sa "E"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josette Darmanin (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati; (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati; u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Josette Darmanin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi; u*

   ii. *Tikkundanna lil Josette Darmanin tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmienja u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u ċenteżmu (€ 98,465.01) bilanċ għad-debitu fil-"Home Loans, Credit Card Loan u Overdraft Accounts" ta' Josette Darmanin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1 sa F13", Dok "G1 sa G12", Dok "H1 sa H4", Dok "I" u Dok "J"), flimkien* (sic)*;*

   Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 1 ta' Diċembru 2022 u tal-Mandat ta' Sekwestru li ġie preżentat kontestwalment kontra l-konvenuta;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħamsa (5) ta' Mejju 2023, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimata, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi skont il-liġi, u sabiex tippreżenta wkoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħha in sostenn tad-difiża tagħha;

5. B’rikors datat tmienja (8) ta’ Mejju 2023, is-soċjeta’ rikorrenti informat lill-Qorti illi l-konvenuta kienet għadha ma ġietx notifikata bir-Rikors Ġuramentat u l-Avviż tas-Smigħ, u dan stante illi l-Marixxall kien ġie informat illi l-intimata ma kinitx għadha toqgħod fl-indirizz indikat. Peress illi s-soċjeta’ rikorrenti ma kienet taf bl-ebda indirizz ieħor tal-konvenuta, is-soċjeta’ rikorrenti talbet sabiex din il-Qorti tawtorizza n-notifika bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni. Permezz ta’ digriet datat disgħa (9) ta’ Mejju 2023, din il-Qorti laqgħet it-talba, u ordnat li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta waħda lokali;

6. Wara illi rat illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni nhar il-ħamsa (5) ta’ Ġunju 2023, iżda naqset milli tippreżenta risposta fit-terminu lilha konċess, il-Qorti ddikjarat illi l-konvenuta tinsab fi stat ta’ kontumaċja waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta’ Lulju 2023.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta’ attriċi datat erbatax (14) ta’ Marzu 2023, u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Rat illi, wara illi l-Qorti awtorizzat in-notifika tal-konvenuta bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, il-konvenuta ġiet debitament notifikata, iżda baqgħet ma ntavolatx risposta fit-terminu lilha konċess mil-liġi, b’dana illi din il-Qorti ddikjarata fi stat ta’ kontumaċja[1];

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta’ **Dorianne Tanti** waqt is-seduta tal-Ħamis, tlettax (13) ta’ Lulju 2023[2];

10. Rat illi l-konvenuta ma ppreżentatx nota ta’ sottomissjonijiet entro t-terminu lilha konċess mill-Qorti;

[1] Vide verbal a fol 93 tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 94-95 tal-proċess

11. Rat illi l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A.* *<u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

13. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenuta fil-kawża odjerna;

14. L-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentativi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizazzjonijiet oħra mill-Qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. [...]*
>
> *[...]*
>
> *(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax*

*li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.*

15. Fil-każ odjern, il-Marixxall tal-Qorti għamel attentat illi jinnotifika lill-konvenuta fit-tnax (12) t'April 2023, iżda kien għalxejn. Infatti, fuq it-timbru niżżel is-segwenti: *"ġejt infurmat minn Pauline Berry ID 283144(M) li qaltli Josette Darmanin m'għadhiex toqgħod hawn 94, St Mary, Triq San Tumas, Fgura"*[3]. Kien għalhekk illi r-rikorrenti, b'rikors tat-tmienja (8) ta' Mejju 2023, ressqu talba lil din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress illi, fit-termini tal-istess sub-artikolu, *"il-post ta' residenza* [tal-konvenuta] [mhux] *magħruf"*;

[3] A fol 81a tal-proċess

16. Dwar il-proċedura kontemplata mill-Artikolu 187(3) tal-Kap 12, ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Three Barrels Limited vs Joan Schembri noe***[4], kif ċitata b'approvazzjoni wkoll mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frances Bergedahl noe vs Francis Formosa***[5]:

> *Dan l-artikolu* [cioe l-Artikolu 187(3)] *jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jiġi assigurat in-notifika ta' att bil-proċedura hekk imsejħa "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*
>
> *(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali;*
>
> *(b) Illi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta;*
>
> *(c) Illi l-iskrittura jew att jinħarġu f'ġurnal ta' kuljum, wieħed jew aktar minn wieħed, skond kif il-Qorti tiddeċiedi.*
>
> *Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jinġiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jiġu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konġuntiv "u" għandu jingħata l-piż sħiħ tiegħu. Ma' dawn it-tlett rekwiżiti għan-notifika valida permezz ta' din il-proċedura kellu jiżdied rekwiżit ieħor, ukoll meħtieġ ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf", illi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jiġix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-*

[4] Ċit Nru 553/99, Qorti tal-Appell (Superjuri), 13 ta' Lulju 2001
[5] App Ċiv Nru 128/2007/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Settembru 2011

*termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi.*

17. Il-Qorti rat illi:

    a. Kopja tal-att twaħħlet l-Għassa tal-Pulizija, Fgura u l-Kunsill Lokali, Fgura, nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2023 (vide timbru a fol 87a tal-proċess);

    b. Saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2023 (vide **Dok B** a fol 91 tal-proċess);

    c. Saret il-pubblikazzjoni f'ġurnal lokali wieħed nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2023, kif ordnat minn din il-Qorti (vide **Dok A** a fol 90 tal-proċess);

18. Jirriżulta għalhekk illi għandu jitqies illi l-konvenuta ġiet notifikata bl-atti nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju 2023, cioe tlett ijiem ta' xogħol wara l-aħħar pubblikazzjoni. Madanakollu, il-konvenuta naqset milli tintavola risposta fit-terminu t'għoxrin jum minn din id-data, hekk kif osservat mill-Qorti waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju 2023;

19. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

    *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

    *[...]*

    *(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il*

*darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

20. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenuti jinsabu fi stat ta' kontumaċja;

21. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenuta kellha l-possibilta' illi tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqset milli tippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħha bir-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[6], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[7], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

[6] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[7] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

(4) *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

(5) *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

(6) *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

(7) *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

(8) *L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

22. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

*Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita'*

*ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

23. Fil-każ odjern, il-konvenuta titqies illi kienet ben konxja tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kellha pretensjoni fil-konfront tagħha, għaliex hija kkunsidrata illi ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenuta kellha raġuni valida illi għaliha ddeċidiet illi ma tintavolax risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta kellha mill-inqas tara illi tidher hija stess u/jew tkun rappreżentata waqt is-seduti sabiex titlob il-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha. Saħansitra anke meta ġie konċess terminu illi fih setgħet tagħmel is-sottomissjonijiet finali tagħha, il-konvenuta naqset milli tagħmel dan, u għażlet minflok illi tibqa' siekta. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenuta ġabet prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

24. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[8], fejn ġie senjalat illi:

[8] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* ***Kollez. Vol. XXIX P III p 35****;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenuta qiegħda titqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuta naqset milli tirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli tattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

## B. *Il-Mertu tal-Kawża*

25. Mill-provi prodotti mis-soċjeta' attriċi, din il-Qorti tosserva s-segwenti:

    a. Permezz tal-kuntratt datat ħamsa (5) ta' Settembru 2000 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (**Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 6 *et seq* tal-proċess), is-soċjeta' rikorrenti tat b'self lill-intimata (indikata fil-kuntratt bħala *"the customer and/or the purchaser"*) is-somma ta' LM 21,000, illum ekwivalenti għal € 48,930. Dan fit-termini tas-*sanction letter* datata tmintax (18) ta' Mejju 2000 (**Dok D** annes mar-rikors promotur, a fol 38 *et seq* tal-proċess). Is-*sanction letter* tagħmilha ċara illi *"In accordance with normal banking practice, the facility is repayable on demand and is subject to review at any time at the Bank's option, except for loans which shall be immediately due and payable at the Bank's option if there shall be any one or more events of default as listed in the attached Form ADV27"*;

b. Permezz tal-kuntratt datat tnax (12) ta' Ġunju 2014 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech (**Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 9 *et seq* tal-proċess), is-soċjeta' rikorrenti tat b'self lill-intimata (indikata fil-kuntratt bħala *"the Customer or the Purchaser"*) is-somma ta' € 72,900. Dan fit-termini tas-*sanction letter* datata ħmistax (15) t'April 2014 (**Dok C** anness mar-rikors promotur, a fol 27 *et seq* tal-proċess), fejn ġie speċifikament indikat illi, *"In the event that you do not effect repayment as agreed or if you are in default, the Bank may, by giving you notice in writing, debit any account held by you with the Bank, with all or any repayment instalments, interest calculated in accordance with the above, and charges as set out herein."*;

c. Permezz t'ittra datata l-ewwel (1) ta' Lulju 2020 (**Dok E** a fol 42 *et seq* tal-proċess), il-konvenuta ġiet informata illi *"the Bank has been served with a Garnishee Order issued against you. Consequently, the Bank has been constrained to cancel your credit card accounts and transfer the full outstanding debit balances to the captioned Credit Card Loan Account which shall be regulated by the following terms and conditions:"*, *inter alia, "In the event that you do not effect repayment as indicated above or if you are in default, the Bank may, by giving you notice in writing, debit any account held by you with the Bank, with all or any repayment intsalments, interest calculated in accordance with the above, and charges as set herein."*;

d. L-*istatement of account* tal-konvenuta għall-*Home Loan* kont numru 32906152017 (**Dok F1** sa **F13**, a fol 47 *et seq* tal-proċess), l-*istatement of account* tal-konvenuta għall-*Home Loan* kont numru 32906152020 (**Dok G1** sa **G12**, a fol 60 *et seq* tal-proċess), u l-*istatement of account* tal-konvenuta għall-*Home Loan* kont numru 40022424213 (**Dok H1** sa **H4**, a fol 72 *et seq* tal-proċess), juru illi l-konvenuta effettwat l-aħħar depożitu f'Ġunju 2020, filwaqt illi l-*istatement of account* tal-konvenuta għall-*Credit Card Loan* kont

numru 50007498717 (**Dok I** a fol 76 tal-proċess) juri illi qatt ma saru depożiti mill-konvenuta;

e. Għaldaqstant jirriżulta mill-bilanċi rimanenti skont l-*istatements of accounts* suriferiti illi, preżentement, l-ammont dovut mill-konvenuta huwa fl-ammont globali ta' tmienja u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u ċenteżmu (€ 98,465.01), cioe l-ammont reklamat mis-soċjeta' rikorrenti;

f. **Dorianne Tanti**, fix-xhieda tagħha, ikkonfermat bil-ġurament illi ma kien hemm l-ebda bdil minn meta ġiet intavolata l-kawża, u li l-bilanċ għadu kollu dovut[9];

26. Minn dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti ma tista tasal għall-ebda konklużjoni għajr illi l-ammont kif pretiż huwa effettivament dovut, u dan b'mod partikolari tenut kont illi **l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti ma ġiet fl-ebda punt kontestata mill-konvenuta fil-mori tal-proċeduri odjerni**. Dan minkejja illi ngħatat kull opportunita' minn din il-Qorti sabiex tagħmel dan;

27. Din il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma illi s-soċjeta' attriċi rnexxiela tipprova illi hija debtriċi tal-konvenuta fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u ċenteżmu (€ 98,465.01), kif ukoll illi l-konvenuta naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet illi taħthom ngħatat il-faċilitajiet bankarji mill-istess soċjeta', u li konsegwentement is-soċjeta' attriċi għandha dritt illi titlob il-ħlas tal-bilanċ pendenti dovut fuq is-self mogħti lill-konvenuta, inkluż l-imgħaxijiet dovuti fuq l-istess bilanċ sad-data tal-pagament.

[9] Vide traskrizzjoni tax-xhieda a fol 95 tal-proċess

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' attriċi, u għalhekk **<u>tiddikjara u tiddeċiedi</u>** illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati imsemmija (esebiti mar-rikors promotur bħala Dok A sa E), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josette Darmanin naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' attriċi u **<u>tikkundanna</u>** lil Josette Darmanin tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmienja u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u ċenteżmu (€ 98,465.01), bilanċ għad-debitu fil-*Home Loans, Credit Card Loan u Overdraft Accounts* ta' Josette Darmanin mas-soċjeta' rikorrenti, flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, tal-ittra uffiċjali datata l-ewwel (1) ta' Diċembru 2022, u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat odjern, kontra l-konvenuta.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**